**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 7 ta’ Frar 2017

# IS-SEBA’ LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 55

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 55 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 13 ta’ Frar 2017 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**

Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

55.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
55.5 Rapporti;
55.6 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements 2016* tal-Kunsill Lokali;
55.7 Aġġornament dwar l-Ambaxxatur/riċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill Lokali;
55.8 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2017;
55.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;
55.10 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid tal-Kunsill Lokali;
55.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
55.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-55 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:45pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti b'Apoloġija:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 55.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

55.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq quddiem il-Kunsill Lokali korrispondenza flimkien ma' ċertifikat tal-mard mibgħuta mill-Kunsillier Daniela Farrugia fejn skużat ruħha li ma tistax tkun preżenti għal dik il-laqgħa partikolari minħabba raġunijiet ta' saħħa.

55.1.2 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta l-apoloġija tal-Kunsillier Daniela Farrugia.

55.1.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 55.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

55.2.1 Il-Minuti tal-54 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud.

55.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti.

55.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 55.3, 55.4 u 55.5 jiġu diskussi wara Minuta 55.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 55.6 **APPROVAZZJONI TAL-*UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2016* TAL-KUNSILL LOKALI**

55.6.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li ma jistax japprova rapport li wasal quddiemu f'din l-istess laqgħa, minkejja li kien se jkun hemm spjegazzjoni dettaljata tal-istess rapport.

55.6.2 Is-Sindku David Schembri ppropona li ssir laqgħa oħra b'urġenza tal-Kunsill Lokali minħabba li sal-Ġimgħa 17 ta' Frar, il-Kunsill Lokali ried jissottometti dawn il-*Financial Statements 2016* lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali.

55.6.3 Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa b'urġenza nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2016, fil-5pm.

55.6.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 55.7 **AĠĠORNAMENT DWAR L-AMBAXXATUR/IĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦALL-KUNSILL LOKALI**

54.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon iltaqgħu maż-żgħażagħ proposti fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill Lokali.

54.7.2 Qal li ltaqgħu mas-Sa Yanika Ciappara u s-Sa Sylvia Galea fejn magħhom tkellmu dwar dan l-irwol t'ambaxxaturi taż-żgħażagħ, u bejniethom kien hemm qbil li s-Sa Ciappara kienet se sservi għal sena f'din il-kariga, imbagħad la tagħlaq it-tmintax-il sena tidħol minflokha s-Sa Galea.

54.7.3 Għaldaqstant is-Sindku ppropona li għalissa tidħol fil-kariga s-Sa Yanika Ciappara u meta tagħlaq it-tmintax-il sena tidħol fil-kariga s-Sa Sylvia Galea.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

54.7.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 55.8 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2017

55.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2017 se ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar fis-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

55.8.1.1 Qal li din is-serata se tibda fis-7:15pm u staqsejna wkoll għall-għajnuna mingħand is-Soċjetajiet Mużikali Qrendin minħabba d-dawl u s-sound.

55.8.2 Spjega kif is-Soċjeta' Mużikali Santa Marija se tkun qed tieħu ħsieb is-sound, filwaqt li għadna qegħdin nistennew risposta mingħand is-Soċjeta' Filarmonika Lourdes dwar jekk hux se jieħdu ħsieb id-dawl.

55.8.3 Tkellem ukoll dwar il-kant u qal li f'din is-serata jista' jkun hemm tliet intervalli mużikali u ppropona li nkellmu lis-Sa Yanika Ciappara, lis-Sa Maria Daniela Farrugia kif ukoll lis-Sopran Graziella Debattista Briffa.

55.8.3.1 Żied li fuq dan irridu niddeċiedu mill-aktar fis minħabba li ż-żmien daħal ġmielu.

55.8.3.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-ideali tkun li nqabbdu kemm lis-Sa Yanika Ciappara kif ukoll lis-Sopran Graziella Debattista Briffa, filwaqt lis-Sa Maria Daniela Farrugia ddoqq is-*synthesizer*.

55.8.3.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li jekk inġibu lit-tnejn li huma, minflok jitħallsu b'€100 kull persuna, il-€100 tinqasam bejn it-tnejn li huma.

55.8.3.4 Il-Viċi Sindku ppropona li jekk hemm problema ta' flus, naraw min jista' jkanta bla ħlas u nagħżlu lilha.

55.8.3.5 Is-Sindku ssekonda din il-propsota u qal li issa niċċekkjaw min jista' jiġi jkanta.

55.8.3.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

55.8.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet lis-Sur Oreste Mifsud bħala preżentatur ta' din is-serata.

55.8.4.1 Is-Sindku David Schembri ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 55.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017

55.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li ftit tal-jiem ilu għadna kif tfajna l-applikazzjoni għall-Festival Agrarju tal-Patata ta' din is-sena.

55.9.2 Qal li s'issa għadna ma nafux jekk hux se ningħataw għajnuna finanzjarja, u għandu mnejn niġu msejħa biex nitilgħu quddiem il-Bord t'Aġġudikazzjoni kif ġralna s-sena li għaddiet.

55.9.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa spjega kif s'issa hemm tliet gruppi li huma konfermati għall-Festival Agrarju tal-Patata 2017 u li dawn huma Tea Crisis, Rima u Milk Mi.

55.9.4 Qal li fil-preżent għadu qiegħed jinbena l-programm t'attivitajiet għal dakinhar u s'issa għandna konferma mingħand l-importatur/esportatur Michael Caruana li se jkun qiegħed jipparteċipa fil-Festival.

55.9.5 Żied li għadna rridu nitkellmu mas-Sur Raphael Scerri, importatur/esportatur ieħor li s'issa dejjem ħa sehem fil-Festival Agrarju tal-Patata, kif ukoll irridu nitkellmu ma' persuni oħra li mhumiex mill-Qrendi.

55.9.6 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-video li huwa maħsub li jittella' u jiġi prodott mill-istudenti tal-MCAST u qal li fil-preżent għadu qiegħed jistenna risposta mingħand id-Direttur tal-istess Kulleġġ qabel ikunu jistgħu jibdew jaħdmu fuqu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

55.9.7 Barra minn hekk tkellem ukoll dwar il-wirja tal-fotografija u l-arti, u qal li rridu niċċekkjaw xi materji loġistiċi qabel inkomplu naħdmu fuqha, liema materji se jiġu mitkellma fil-laqgħat tas-sottokumitat tal-istess Festival.

## 55.10 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI

55.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali diġa' għaddielna s-somma ta' €75,000 fil-kont tal-Kunsill Lokali sabiex inkunu nistgħu nibdew dan il-proġett.

55.10.2 Qal li hemm xi bidliet żgħar li jridu jsiru fl-applikazzjoni, liema applikazzjoni suppost se tiġi sottomessa quddiem l-Awtorita' għall-Ippjanar fil-jiem li ġejjin, kif ukoll bħalissa ninsabu fl-aħħar stadji tat-tfassil tad-dokumenti tat-tenders sabiex ikunu jistgħu jinħarġu s-sejħiet għall-offerti.

## 55.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

55.3.1 Is-Sindku tkellem dwar **Ċirkulari AKL Ċirk 16/2017 – Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017.**

55.3.1.1 Qal li din hija laqgħa annwali fejn tlaqqa' lill-Kunsillieri kollha u mhux lis-Sindki u l-Viċi Sindki biss.

55.3.1.2 Spjega kif dawk li se jattendu, għandhom jagħtu isimhom lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex dan ikun jista' jibbukkja, u jekk xi ħadd ma jattendiex għal din il-Plenarja mingħajr l-ebda raġuni valida, allura l-flus li se joħroġ il-Kunsill Lokali jkollhom jiġu rifużi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

55.3.1.3 Is-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud kollha kkonfermaw li se jattendu għal din il-laqgħa.

55.3.2 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-inizjattiva tat-toroq rurali u qal li bħala Kunsill Lokali nistgħu nidħlu għal din l-inizjattiva jekk kemm-il darba ningħataw il-permessi meħtieġa mid-Dipartiment tal-Agrikoltura'.

55.3.2.1 Qal li din hija sejħa miftuħa fuq tliet snin, sas-sena 2020. Spjega kif hemm ċertu toroq li se tkun qiegħda tagħmilhom Transport Malta, filwaqt li toroq oħra jista' jidħol għalihom il-Kunsill Lokali bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

55.3.2.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali qegħdin nistennew lil Transport Malta sabiex jagħtuna d-dettalji ta' liema toroq se jkunu qegħdin jagħmlu fil-lokalita' tagħna, sabiex il-Kunsill Lokali ma japplikax għalihom ukoll.

55.3.2.3 Fisser kif jekk kemm-il darba applikazzjoni ta' triq tiġi aċċettata, il-Gvern Ċentrali joħroġ 90% tal-ispejjeż, filwaqt li l-Kunsill Lokali joħroġ l-10% li jkun fadal.

55.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-wirja ta' sbuħija u dixxiplina li saret fil-Qrendi minn Truppq Ċiniża.

55.3.3.1 Qal li ħassu diżappuntat li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien rappreżentat biss minnu u mill-Viċi Sindku, meta l-attivita' saret fil-Qrendi stess.

55.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-pjanti l-ġodda tal-ATM u qal li fil-preżent qegħdin nistennew risposta mingħand il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita'.

55.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-moll ta' Wied iż-Żurrieq u qal li issa l-Awtorita' għall-Ippjanar talbuna *method statement* ta' kif se jkun qiegħed isir ix-xogħol fuq dan il-moll, u ovvjament b'hekk se nkomplu nintefgħu lura fiż-żmien sakemm dan ix-xogħol isir.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

55.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq lista ta' apparat elettroniku li m'għadux jaħdem u għaldaqstant il-Kunsill Lokali seta' jiddisponi minnu.

55.3.6.1 Il-lista kienet tinkludi s-segwenti:

- Air Condition – Model ACCS – 18HR53Ca2A
- Lite Protection 200 UPS
- Blazer UPS
- Spire PC
- Philips Screen (Security Cameras)
- Canon Printer

55.3.6.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dan l-apparat għandu jintrema' minħabba li m'għadux tajjeb.

## 55.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISOTQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

55.4.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar li ġara li ġara fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet f'Misraħ il-Maqluba, meta boċċa milli kien hemm fil-Misraħ spiċċat waqgħet fil-pajsaġġ li jagħti għall-Maqluba.

55.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-Kunsill Lokali, bil-permess tal-pulizija, eleva l-filmati tal-kameras tas-sigurta' li hemm fiż-żona, fejn jidher ċar li din il-boċċa ntlaqtet minn karozza f'00:24am tal-11 ta' Frar 2017, u mad-daqqa bdiet iddur u spiċċat baqgħet nieżla fil-pajsaġġ.

55.4.1.2 Qal li bħalissa qegħdin nippruvaw nidentifikaw il-persuna min hu, anke permezz tal-karozza tiegħu, u jidher li l-persuna huwa raġel.

55.4.1.3 Fisser kif il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jidħol fi spiża żejda sabiex jerġa' jtella' l-boċċa mill-pajsaġġ tal-Maqluba, sabiex din tkun tista' terġa' titqiegħed postha.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

55.4.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar il-kmajra li trid tinbena mill-Kunsill Lokali għall-ATM, u qalet li l-ammont ta' madwar €13,000 sabiex tinbena din il-kmajra qiegħda tarah eċċessiv.

55.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dawk huma l-istimi mhux uffiċjali li għandna fil-preżent, u minħabba li l-Kunsill Lokali bilfors irid juża s-sistema tas-sejħiet għall-offerti, ġieli jkollna nħallsu aktar milli kieku tħallas persuna fil-privat.

## 55.5 RAPPORTI

55.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-*Buffet Breakfast* organizzat mill-Kunsill Lokali u qal li dan kien suċċess u l-konkorrenza għalih kienet tajba ħafna.

55.5.1.2 Qal li issa hemm ippjanata attivita' kulturali oħra u din se ssir nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017, u probabbli se jiġi organizzat *Coffee Morning*.

55.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar is-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali u qal li ħafna mill-artikli nqalbu mill-Ingliż għall-Malti, biss għad fadal xi artikli oħra li jridu jinqalbu u jiġu mtella' fuq is-sit.

55.5.2.1 Kompla li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali qiegħed jiġi aġġornat ta' spiss u dejjem qiegħed jiġi modifikat.

## 55.11 KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

55.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €12,395.54 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/17 u €107.26 skont il-*Petty Cash* Ref

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

U/01.

55.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

55.11.3 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

55.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 55.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

55.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2017 fil-5:30pm.

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |